MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2012

Numru. 612/2012

Il-Pulizija
(Sp Priscilla Caruana u Sp Arthur Mercieca )
vs
Meluku Gatchew Mekurow, iben Gatchew, imwieled l-Etijopja fl-1 ta’ Jannar, 1985, karta ta’ l-identita numru 64782A

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-12 ta’ Ġunju, 2012 għal ħabta tas-2.20 p.m. ġewwa il-‘tent village’, Ħal-Far:
1. inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq Mario Gauci u Giuseppe Abela persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħa jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2. fl-istess data, lok u ħin attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xort' oħra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra Mario Gauci u Giuseppe Abela, persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
3. fl-istess data, lok u ħin ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq Mario Gauci;
4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat, ġlied jew mod ieħor.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra l-piena stabilita għal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta ta' Mario Gauci u Giuseppe Abela.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ġunju, 2012 fejn l-imputat skuza ruħu tal-inċident u min-naħa tagħhom il-parte ċivile ħafru lill-imputat.

Rat il-verbla tas-seduta tad-19 ta' Ġunju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kntra tiegħu.
Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 95, 96, 221(1) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------